# MIN JIEHU HSIEB TAT-TERRA SANTA

Tal-imkejjen kollha tat-Terra Santa, minn barra tal-Karmelu, jieħdu ħsieb ir-Rhieb Franġiskâni, dawk li aħna ngħidulhom "Ta' Ġieżu". Is-Santwarji kollha taħt idejhom, ħlief tal-Karmelu biss. U t-Terra Santa ilha taħt idejhom, m'hux mill-bieraħ, ţafux, l-anqas mil-lum, imma minn żmien; San Franġisk in-nifsu, fis-Seklu Tnâx, mar iżûr it-Terra Santa u daħħal fiha lir-Rhieb tiegħu.

Il-Ħakma tal-Franġiskani fuq it-Terra Santa tissejjaħ *Kustodja*, bil-Malti, *Għassa*. Tafu il-għala jgħidulha hekk? Għax jgħassu fuq l-Imkejjen Imqaddsa; jieħdu ħsiebhom; jindokrawhom. Il-Kustodja tat-Terra Santa hija mwettqa mill-Papiet (1).

Din il-Kustodja taħkem fuq it-Terra Santa kollha u xi ħaġa iżjed ukoll. Tħaddan il-Lhudija, is-Samarija, il-Galilija, il-Feniċja, is-Surija, l-Anatôlja, l-Eġittu t'Isfel, il-gżira ta' Ċipru, u billi għandha dar f'Kostantinôpli, tilħaq sat-Traċja. Fil-Kustodja hemm daqqa ta' 439 (2) Raheb. U billi fit-Terra Santa jinsabu minn kull xorta ta' nies, hemm Irhieb tista' tgħid, minn kull ġens tad-dinja; u mill-Belġju, u minn Franza, u mill-Italja, u mill-Ġermanja, u mill-Olanda, u mill-Ingilterra u mill-Awstrija, u mill-Irlanda, u minn Spanja, u minn Malta, u mill-Portugall, u mill-Ungerija; il-Kustodja tat-Terra Santa tgħodd 9 Kunventi kbar, u 42 dar, jew Kunventi żgħar, imxerdin f'51 naħa (3).

Ulied San Franġisk fit-Terra Santa ġiebu dejjem ruħhom ta' rġiel. Laħqu dejjem dmirijiethom mill-aħjar. Ħadmu mill-iżjed. Meta kien jeħtieġ biex iħarsu sewwa l-Imkejjen Imqaddsa, saħansitra 4,000 minnhom ċarċru demmhom, u bħal sidna Ġesù Kristu, bih xarrbu dik l-Art għażiża u bħalu ħallew ħajjithom.

"Id-dmirijiet tar-Rhieb tat-Terra Santa," nistħajjilkom tgħiduli, "huma biss li jieħdu ħsieb l-Imkejjen Imqaddsa, u xejn aktar?" — Tassew li l-ewwel u l-aqwa dmir tagħhom huwa dan, iżda barra minnu għandhom dmirijiet oħra u m'hux taċ-ċajt, tafûx. Wieħed minn dawn id-dmirijiet hu li jxerrdu fost in-nies tal pajjiż li jaħkmu fihom, il-Fidi Nisranija. Għalhekk x'uħud fosthom huma Missjonarji. Erħilhom biex jistgħu jimxu, jitgħallmu il-Għarbi, it-Tork, il-Grieg. Barra minn dân, billi xi nħawi, l-aktar fl-Eġittu hemm ħafna taħwid ta' nies, tarahom jitgħallmulek ukoll it-Taljan (4) il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ingliż, il-Malti (4), u x'naf jien. U m'hux fl-Eġittu biss, għax il-Palestina jmorru kull ġens ta' nies ukoll.

It-tielet dmir tal-Franġiskani hu li jilħqu mal-Parroċċi bħala Kappellani. Fejn tafu kemm Parroċċi għandhom taħt idejhom! Minn barra 28 Parroċċa, għandhom ukoll 18 viċi-Parroċċa (5) u 33 kappella. Iridu jieħdu ħsieb ta' daqqa ta' 60,000 Kattolku. Għalhekk bit-tiġijiet bil-Magħmudijiet, bil-qrâr, bit-tagħlim tad-dutrina, bil-Vjatki, bil-griżma tal-morda, bl-assistenza tal-mori-

bondi u bil-priedki, għandhom x'jagħmlu biżżejjed. Isemmgħu l-Kelma t'Alla bi 11 ilsien. Tarġa', iridu jilħqu mal-iskejjel tal-Parroċċi, li huma daqqa ta' 52 waħda. Ngħidilkom biss li fi żmien ta' sitt snin, għammdu 10.810 ruħ; tejjġu 2,206; ikkonvertew 607; minn setet qarrieqa ġebuhom fi ħdan il-Knisja Kattolka.

Ir-raba' dmir tal-Franġiskani huwa li jilqgħu lil Pellegrini li jmorru jżuru t-Terra Santa. Dawn ma jkunux wieħed u tnejn, imma eluf tal-eluf. Ngħidilkom biss li fis-sena 1904, laqgħu fid-9 djar li għandhom għalhekk jgħidulhom *Case Nove*, 12,932 Pellegrin. Iridu jaħsbulhom għall-ikel, għar-rqâd u għal kollox. U kollox b'xejn. U tarġa, iridu jmorru magħhom idawruhom l-Imkejjen kollha Mqaddsa; iġibu ruħhom magħhom ta' veri Anġli tal-Karita'. Fejn tafu kemm jilqgħuhom tajjeb lil Pellegrini, u kemm iduru bihom! Kemm jagħmlu magħhom. Dan nista' ngħidu għax rajtu b'għajnejja, u ġarrabtu fija n-nifsi (6).

Il-ħames dmir tal-Franġiskani fit-Terra Santa huwa t-tagħlim tax-xjenza. Hekk f'Ġerusalem, fil-Kunvent ta' San Salvatur, isiru l-istudji tal-Iskrittura Mqaddsa u tat-Teoloġija. Għall-Iskrittura hemm ħames Dutturi u tlieta għat-Teoloġija.

Is-sitt dmir, li jilħqu mas-snajja. Fejn tafu kemm hemm snajja' l-aktar fil-Kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalem! Issib kull sengħa; u tal-istampa, u tal-mastrudaxxi, u tal-ħaddieda u tat-taħħâna, u tal-għaġġiena, u tal-kaħħâla, u tal-bennejja u tal-ħajjâta (7). U xi ngħidu mbagħad mill-isptar (8) u mill-ispiżerija?

Ma jeħtieġux, mela, għal dan kollu bosta Rhieb? Fil-Kunvent ta' San Salvatur biss hemm daqqa ta' 104 (9).

Bħal ma semmejtilkom l-ewwel u l-aqwa dmir tal-Franġiskâni hu li jieħdu ħsieb tal-Imkejjen Imqaddsa. F'uħud minnhom, bħalli kieku fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, f'dik ta' Betlehem u oħrajn, iqaddsulek qatiegħ quddies kuljum. F'oħrajn iqaddsu waħda; f'xi oħrajn kull nhar ta' Ġimgħa. F'xi wħud oħra fil-Ħdud u l-Festi biss.

F'uħud mill-imkejjem Imqaddsa il-Franġiskani għandhom xogħol sħiħ. Nieħdu l-Qabar ta' Kristu: F'dan kull jum, f'nofs il-lejl iqumu jgħidu l-Matutîn, flimkien mal-Uffiċċju tal-Madonna. Minn fuq, fil-Festi kbâr, u bosta drabi oħra, jitkanta mill-ewwel sal-aħħar. Mas-sebħ, mażżerniq, jingħadu l-Uri tal-uffiċċju ta' dik inhar imbagħad l-Uffiċċju tal-Madonna wkoll. Għal fil-għaxija ssir il-Kumpjieta u wara, għal xi l-erbgħa tibda l-Purċissjoni (10). Din issir b'kant li jbikki. Jidħlu qishom fil-kappelli kollha li jinsabu fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Fis-Sibtijiet tar-Ramdân u drabi oħra wkoll, jieħu sehem fiha l-Patrijarka ta' Ġerusalem. Dan li għedna mill-Qabar ta' Kristu nistgħu ntennuh bejn wieħed u ieħor mill-Għar ta' Betlehem, minn Nazaret, u x'naf jien (11).

M'humiex, mela, hux tassew, ibiegħu r-riħ, ir-Rhieb Franġiskani tat-Terra Santa? Għandhom x'jagħmlu, hux ta' bil-ħaqq?

Ir-rajjes tar-Rhieb tat-Terra Santa jgħidulu Kustodju (12). Huwa msejjah il-Gwardjan tal-Qabar ta' Kristu u tal-Għolja ta' Sijon.

DUN XAND CORTIS, MISS. APOST.
(R.I.P.

(1) Il-Papa Ġwanni XXIII raġa' wettaq il-Franġiskani bħala għassiesa tal-Imkejjen Imqaddsa, b'Ittri miktuba mill-Vatikan fis-17 t'April għamnewwel. Ara dan il-Qari, għadd 3 tas-sena l-oħra (1960), faċċata 78.

(2) Dun Xand kiteb dan fis-sena 1907. Bħal issa l-Franġiskani tal-Art Imqaddsa huma fil-għadd xi ħaġa fuq il-500.

(3) Il-lum bejn Kunventi kbâr u Residenzi żgħar jinsabu 78.

(4) It-Taljân huwa l-lingwa *uffiċjali* tal-Franġiskâni tat-Terra Santa, għal hekk, ftit jew wisq, kollha jitkellmu bit-Taljân. Dun Xand qal li hemm min *jitgħallem* ukoll il-Malti; imma din aktarx li ħarġitlu hekk, għax il-Maltin tal-Eġittu qishom kollha jkunu jafu b'erba' jew ħames lingwi, u hekk jistgħu jinqdew b'lingwi oħra barra l-Malti. Ħlief dan, dejjem ikun hemm xi Patri Malti f'Lixandra, Port-Said, il-Kajr u hekk.

(5) Bħal issa l-Franġiskâni tat-Terra Santa għandhom fi ħsiebhom 58 Parroċċa, kbar u żgħar. F'Ġerusalem, hemm fuq il-5,000 ruħ ta' Rit Latin, barra minn għadd kbir ġmielu ta' Kattoliki ta' Riti oħra. Għajn Kârem, imma, billi ħaduha l-Lhud, qisu ma baqa' ħadd ħlief is-Sorijiet.

(6) Il-għadd tal-*Pellegrini*, jiġifieri żawwarîn, is-sena 1958-59 kien ta' 10,255, fosthom 4 Maltin, li marru hemm wieħed-wieħed.

(7) Hemm ukoll is-sengħa ta' skarpân li Dun Xand nesa jsemmiha. U issa hemm iż-żingografija, fejn jagħmlu l-*clichès* għall-istampi.

(8) L-Isptar li semma Dun Xand huwa għall-Franġiskâni biss, morda u xjuħ.

(9) Dan il-għadd ma tistax torbot fuqu, għax il-Franġiskâni f'dan id-Dejr ġejjin u sejrin kull jum.

(10) Fuq din il-Purċissjoni ktibna xi ħâġa fil-ħarġa ta' dan il-Qari ta' April-Ġunju, faċċata 37. Il-lum hemm erbataxer waqfa, m'hux tlettax, bħal fl-1907.

(11) Dun Xand hawn nesa jsemmi l-Vija Sâgra li l-Franġiskâni jagħmlu kull nhar ta' Ġimgħa, fit-toroq ta' Ġerusalem.

(12) Il-Patri Kustodju tat-Terra Santa jrid ikun dejjem Taljân (u l-Prokuratur Spanjol u l-Vikarju Franċiż). Qabel ma nqatgħet il-Provinċja ta' Malta minn dik ta' Palermu, kien hemm żewġ Kustodji tat-Terra Santa Maltin, li kienu jgħaddu bħala Taljâni. Dawn kienu: Patri Salv Vassall (laħaq fis-sena 1816) u Patri Franġisku Saverju Bugeja (laħaq fl-1834). It-tnejn kienu mir-Rabat.

# L-IBLAH — GHAREF

Darba kien hemm Sultân li ried isewwaq l-ilma, għal beltu, minn għajn bgħida, biex in-nies ma joqogħdux imorru għall-ilma dak it-tul. Għalhekk għajjat lil kemm-il raġel li jifhem biex jgħidlu xi kemm flus jeħtieġlu jonfoq biex iħaffer sieqja, minn dik il-għajn sal-belt. Kollha qalulu li ried qatiegħ xogħol u nefqa kbira, għal hekk is-Sultân qata' qalbu. Imma mbagħad kien hemm raġel iblaħ, minn dawn li kull ħadd jidħak bih, li sama' kemm is-Sultân kien qalbu sewda għax ma satax jaqta' xewqtu u jwassal l-ilma minn dik l-għajn sal-belt. Għalhekk mar għand is-Sultân u qallu: "Ara x'għandek tagħmel; billi n-nies tal-belt kollha sa jithennew bl-ilma, jekk jasal, għandek tamar li kull raġel li hawn fil-belt, iħaffer sehmu mis-sieqja, it-tul ta' ġismu. Min hu twil ħamest ixbar, iħaffer ħamest ixbar; min sitta, iħaffer sitta, u min hu twil ħamsa, u nofs iħaffer ħamest ixbar u nofs."

Hekk għamel is-Sultân, u n-nies ħaffru s-sieqja fi żmien qasir, u ħadd ma gemgem, u s-Sultân ma nefaqx ħabba minn senduqu, u n-nies ma ħallsux irbgħajja bejn il-koll!